

Brussell, 28 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7897/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0086(NLE)**

**PROBA 11
AGRI 171
WTO 43**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 172 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali b'rabta mal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 172 final.

Mehmuż: COM(2023) 172 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2023
COM(2023) 172 final

2023/0086 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill
Internazzjonali taċ-Ċereali b'rabta mal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ
taċ-Ċereali tal-1995**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali b'rabta mal-adozzjoni prevista li tiġi estiża l-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali, 1995, sat-30 ta' Ġunju 2025.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali, 1995

Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali, 1995 ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tkompli l-kooperazzjoni internazzjonali fl-aspetti kollha tal-kummerċ taċ-ċereali, li tippromwovi l-espansjoni tal-kummerċ internazzjonali taċ-ċereali u li tiżgura l-aktar fluss ħieles possibbli ta' dan il-kummerċ. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni għandha l-ħsieb li tikkontribwixxi kemm jista' jkun għall-istabbiltà tas-swieq internazzjonali taċ-ċereali fl-interess tal-membri kollha, biex issaħħaħ is-sigurtà alimentari dinjija u tipprovdi forum għall-iskambju ta' informazzjoni u diskussjoni dwar it-tfassib tal-membri rigward il-kummerċ fiċ-ċereali.

Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Konvenzjoni¹.

2.2. Il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali

Il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali (International Grains Council - "IGC") huwa organizzazzjoni intergovernattiva li tfitteż li tilħaq l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari, l-IGC għandu l-għan li:

- isaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fl-aspetti kollha tal-kummerċ taċ-ċereali;
- iħeġġeġ l-espansjoni, il-ftuħ u l-ekwità tal-kummerċ internazzjonali fis-settur taċ-ċereali;
- jikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-suq internazzjonali taċ-ċereali, filwaqt li jtejjeb is-sigurtà tal-ikel fid-dinja u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' pajjiżi li l-ekonomiji tagħhom jiddependu fuq il-bejgħ kummerċjali taċ-ċereali.

Dawn l-għanijiet huma mfittxija permezz tat-tiġib tat-trasparenza tas-suq permezz tal-qsim tal-informazzjoni, l-analiżi u l-konsultazzjoni dwar l-iżviluppi tas-suq u tal-politika.

L-IGC għandu 30 membru, li jinkludu ħafna mill-akbar produttori u importaturi taċ-ċereali fid-dinja. Minbarra l-Unjoni Ewropea u fost oħrajn, il-membri tiegħu huma l-Arġentina, l-Awstralja, il-Kanada, l-Eġittu, l-Indja, il-Ġappun, ir-Russja, l-Ukrajna, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti. Madankollu, iċ-Ċina u l-Brażil mhumiex membri.

It-30 membru tal-IGC għandhom total ta' 2,000 vot.

Għall-proċeduri baġitarji (ara l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni), jiġifieri għall-iffissar tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali tal-membri, l-Unjoni għandha 369 vot fl-2022/23².

Għat-tehd tad-deċiżjonijiet, jiġifieri meta jittieħdu l-voti (ara l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni), jitqassmu 1,000 vot għall-11-il membru esportatur (inkluż l-Unjoni b'244 vot) u 1,000 vot

¹ GÜ L 21, 27.1.1996, p. 47.

² Il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jopera fuq bażi ta' sena fiskali, li tibda mill-1 ta' Lulju u tispiċċa fit-30 ta' Ġunju.

għat-19-il membru importatur. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li fil-prinċipju, l-IGC jopera fuq il-bażi ta' kunsens u hija rari ħafna li l-votazzjoni ssir, fil-verità.

Fil-laqgħat tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, l-Unjoni Ewropea hija rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea. L-Istati Membri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-IGC, b'mod partikolari s-Sessjonijiet tal-Kunsill.

2.3. L-att previst tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali

Fl-14 ta' Ġunju 2023, matul it-58 sessjoni tiegħu, il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali mistenni li jadotta deċiżjoni dwar l-estensjoni b'sentejn tal-Konvenzjoni ("l-att previst").

L-għan tal-att previst, li huwa bbażat fuq l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni, huwa li jippermetti lill-IGC ikompli bil-ħidma tiegħu.

L-estensjoni tal-Konvenzjoni se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2025.

3. POŻIZZJONI LI JEĦTIEĠ TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Konvenzjoni ġiet konkluża mill-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE³ sat-30 ta' Ġunju 1998 u, minn dak iż-żmien 'l hawn, ġiet estiża b'mod regolari. F'kull okkażjoni, il-Konvenzjoni tiġi estiża għal perjodu massimu ta' sentejn f'konformità mal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni. Ġiet estiża l-aħħar f'Ġunju tal-2021 permezz ta' deċiżjoni tal-IGC u se tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2023.

L-Unjoni Ewropea minn dejjem kienet membru attiv tal-IGC u huwa fl-interess tal-Unjoni li l-Konvenzjoni tiġi estiża b'mod ulterjuri sa sentejn. L-Unjoni hija produttor ewlieni taċ-ċereali u esportatur ewlieni tal-qamħ u tax-xgħir, filwaqt li hi l-akbar importatur tal-qamħirrum.

L-għan ta' din il-proposta hu li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kummissjoni tivvota, f'isem l-Unjoni Ewropea, favur l-estensjoni tal-Konvenzjoni sat-30 ta' Ġunju 2025 fl-IGC. Id-deċiżjoni formali dwar l-estensjoni tal-Konvenzjoni hija skedata għat-58 sessjoni tal-IGC li se ssir fl-14 ta' Ġunju 2023.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti ġuridiċi, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti ġuridiċi*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede kkonċernata. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*"⁴.

³ GÜ L 21, 27.1.1996, p. 47.

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 63 sa 64.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-Att previst tal-IGC għandu l-effett li jestendi l-validità tal-Konvenzjoni li hija ftehim internazzjonali li jorbot lill-Unjoni. L-att previst għalhekk għandu effetti ġuridiċi.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tiġi adottata pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw il-kummerċ fil-prodotti agrikoli.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-IGC se jestendi tul il-Konvenzjoni, dan se jiġi ppubblikat fuq is-sit web uffiċjali tal-IGC.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali b'rabta mal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 (“il-Konvenzjoni”) ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE¹ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995. Il-Konvenzjoni ġiet konkluża għal perijodu ta' tliet snin.
- (2) Skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni, il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jista' jestendi l-Konvenzjoni għal perjodi suċċessivi ta' mhux aktar minn sentejn kull darba. Mill-konklużjoni tagħha, il-Konvenzjoni ġiet estiża regolarment għal perjodi oħra ta' sentejn. Il-Konvenzjoni ġiet estiża l-aħħar permezz tad-deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fis-7 ta' Ġunju 2021², u se tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (3) Matul it-58 sessjoni tiegħu li ser issir fl-14 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali għandu jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-Konvenzjoni għal perijodu ulterjuri ta' mhux aktar minn sentejn, mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2025.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-58 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni,
- (5) L-Unjoni hija produttur ewlieni taċ-ċereali u esportatur ewlieni tal-qamħ u tax-xgħir, filwaqt li hi l-akbar importatur tal-qamħirrum. L-Unjoni minn dejjem kienet membru attiv tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, li għandu rwol importanti fl-istabbilizzazzjoni tas-swieq dinjija taċ-ċereali u fit-titjib tas-sigurtà tal-ikel. Għalhekk, l-estensjoni tal-Konvenzjoni hija fl-interess tal-Unjoni,

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE tad-19 ta' Diċembru 1995 rigward l-approvazzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar in-Negozju taċ-Ċereali u l-Konvenzjoni tal-Għajjnuna Alimentari, li tikkostitwixxi l-Ftehim taċ-Ċereali Internazzjonali tal-1995 (ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/777 tal-10 ta' Mejju 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 (ĠU L 167, 12.5.2019, p. 39).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fit-58 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali ta' Ċereali għandha tkun li tivvota favur l-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ ta' Ċereali tal-1995, għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn sentejn mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2025.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Lill-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA		FinancSt/10/ PS/hn/(2023)1052578		
		6.221.2023.1		
		DATA: 03.02.2023		
1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: 14 20 03 06 Organizzazzjonijiet u ftehimiet internazzjonali	APPROPRJAZZJONI IET: B2023 4 540 000 EUR		
2.	TITOLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali b'rabta mal-estensjoni tal-Konvenzjoni tal-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995			
3.	BAŻI ĠURIDIKA: Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.			
4.	GĦANIJET: Li tiġi estiża l-Konvenzjoni eżistenti dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali b'sentejn oħra (mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2025).			
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (EUR miljuni)	SENA FINANZJARJA ATTWALI 2023 (EUR miljuni)	SENA FINANZJARJA TA' WARJA 2024 (EUR miljuni)
5.0	NEFQA - IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN		0.40	0.42
5.1	DĦUL - RIŻORSI PROPRJI TAL-UE (IMPOSTI/DAZJI DOGANALI) - NAZZJONALI			
5.0.1	NEFQA PROĠETTATA	2023		
5.1.1	DĦUL STMAT	-		
5.2	METODU TAL-KALKOLU: Abbażi ta' suppożizzjonijiet dwar stima tal-għadd ta' voti tal-UE (li jvarja kull sena), u dwar stima tal-ammont li għandu jitħallas għal kull vot f'GBP.			
6.0	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT KURRENTI?			IVA
6.1	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN KAPITOLI TAL-BAĠIT KURRENTI?			-
6.2	SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?			-
6.3	SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDDAĦĦLU L-APPROPRJAZZJONIJIET F'BAĠITS FUTURI?			IVA
OSSERVAZZJONIJIET: L-ammont li għandu jitħallas fir-realtà jista' jvarja skont l-għadd finali ta' voti li jiġu allokati lill-UE, skont l-ammont li għandu jitħallas għal kull vot f'GBP, u skont ir-rata tal-kambju EUR/GBP. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE titħallas f'GBP. L-ammont għall-2023/24 u 2024/25 jista' jiżdied b'mod moderat jekk jippersisti l-ambjent ta' inflazzjoni għolja tal-2022.				